



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' April 2024
(OR. en)

8997/24

FIN 384
INST 149

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	Dikjarazzjoni konġunta dwar id-dati tal-proċedura baġitarja u l-modalitajiet għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-2024
----------	--

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

Dati għall-proċedura baġitarja u modalitajiet
għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-2024

- A. F'konformità mal-Parti A tal-anness għall-ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar id-dati ewlenin li ġejjin għall-proċedura baġitarja tal-2025:
1. Il-Kummissjoni ser tagħmel hilita biex tippreżenta d-Dikjarazzjoni tal-Estimi għall-2025 sal-bidu ta' Ġunju;
 2. Ser jissejjaħ trilogu fil-25 ta' Lulju (filgħodu), wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Il-Kunsill ser jagħmel ħiltu biex jadotta l-pożizzjoni tiegħu u jgħaddiha lill-Parlament Ewropew sa tmiem is-37 ġimgħa, sabiex jiġi ffaċilitat ftehim f'waqtu mal-Parlament Ewropew;
 4. Il-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew ser jagħmel ħiltu biex jivvota dwar l-emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill sa tmiem il-41 ġimgħa (kmieni f'Ottubru);
 5. Ser jissejjaħ trilogu fis-17 ta' Ottubru (filgħodu), qabel il-qari tal-Parlament Ewropew;

6. Il-Plenarja tal-Parlament Ewropew ser tivvota dwar il-qari tagħha fit-43 ġimgħa (Sessjoni plenarja tal-21-24 ta' Ottubru);
 7. Il-perjodu ta' Konċiljazzjoni ser jibda fl-29 ta' Ottubru. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 314(4)(c) TFUE, iż-żmien disponibbli għall-konċiljazzjoni ser jiskadi fit-18 ta' Novembru 2024;
 8. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ser jiltaqa' fil-5 ta' Novembru (filgħodu), ospitat mill-Parlament Ewropew, u fil-15 ta' Novembru, ospitat mill-Kunsill (u jista' jitkompla kif xieraq); is-sessjonijiet tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ser jitħejjew permezz ta' trilogu/i. Huwa skedat trilogu fil-5 ta' Novembru (filgħodu). Jista' jissejjaħ trilogu/i addizzjonali matul il-perjodu ta' konċiljazzjoni ta' 21 jum, inkluż fit-12 ta' Novembru, ospitat mill-Kunsill.
- B. Il-modalitajiet għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jinsabu fil-Parti E tal-anness għall-ftehim interistituzzjonali msemmi hawn fuq.
-